

# Intom ix-Xhieda Tiegħi (Isaija 44,8)
# Sacerdoti tal-Parroċċa tagħna matul is-snin

Kitba ta' Mario Formosa Holt




**L-E.T. L-Arċisqof Mons Ġorġ Caruana iben denju tal-Parroċċa tagħna**

Sewwasew nhar id-19 ta' Ġunju 2009, Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu', il-Q.T. Il-Papa Benedittu XVI nieda s-SENA TAS-SAĊERDOTI u li ntemmet propju fl-istess festa ta' din is-sena. Għalkemm xi ftit tard, ħassejniħ bħala dmir tagħna li f'dan il-ktejjeb nagħtu ġieħ lil dawk is-saċerdoti kollha, ħajjin u mejtin li matul iż-żmien ħadmu fi ħdan il-Parroċċa tagħna. Naturalment ħafna kienu Slimiżi bħalna filwaqt li oħrajn ġew fostna minn barra Tas-Sliema. Ilkoll iżda ħadmu fost generażżjonijiet differenti ta' Slimiżi u wħud kienu tant ta' eżempju tajjeb li għenu sabiex tixxettel anke l-vokażżjoni saċerdotali u reliġjuża f'żgħażagħ oħra.

Naturalment minħabba l-limitazzjoni ta' spazju żgur li ma nistgħux insemmu l-qassisin kollha li f'aktar minn mija u-ħamsin sena taw serviżż lil Knisja w l-Parroċċa ta' Stella Maris. Intenni li dawk li tħallew barra kien biss minħabba nuqqas ta' spazju u żgur mhux b'nuqqas ta' rispett.

Bħal ma nafu, Sa nofs is-seklu Dsatax l-unika knisja ġewwa Tas-Sliema, dik iddedikata lil Madonna tal-Grazzja, jew aħjar il-Knisja z-Zgħira, kif għadna nafuha sal-lum. Din inbniet fl-1803 u maż-żmien saret zgħira wisq għall-popolazzjoni li kull ma jmur bdiet tikber. Kien għalhekk li nħasset il-ħtieġa ta' knisja akbar. Għal dan il-għan kienet intbagħtet petizzjoni, jew aħjar rikors sottoskritt lill-E.T. L-Isqof Publio dei Conti Sant, bid-data tat-3 ta' Marzu 1851, fejn fost l-oħrajn intalbgħet biċċa art, propjeta tal-Katidral sabiex fuqha tibena l-Knisja l-ġdida. Il-firmatarji ta' dan ir-rikors kienu ħamsa, fosthom Dun Ġużepp Guglielmi.

Ir-Rev. Dun Guglielmi nerġgħu niltaqgħu ma' ismu ftit aktar minn erba' snin wara. Dan għaliex wara li ngħatat dik l-art mill-Katidral, beda x-xogħol fuqha u l-bini tal-Knisja l-ġddia għal Tas-Sliema. L-aktar jum mistenni mis-Slimiżi ta' 155 sena ilu kien dak tal-11 ta' Awwissu 1855 meta nfetħet u tbierket il-Knisja ta' Stella Maris. L-ewwel quddiesa, dik tas-7,00a.m. qaddisha Patri Majjistru Vincenzo Domenico Speranza, Dumnikan. Wara saru żewġ quddiesit oħra, waħda appuntu mir-Rev. Dun Ġużepp Guglielmi u l-oħra minn Dun Mikiel Angelo Spiteri, qassis ieħor minn fost l-ewlenin ta' Stella Maris.

Sadanittant il-popolazzjoni Slimiża bdiet kull ma jmur tkompli tikber. Dan wassal sahansitra sabiex dehret kitba f'ġurnal lokali ta' dak iż-żmien sabiex il-Knisja ta' Stella Maris almenu ssir Viċi-Parroċċa biex tkun tista' taqdi l-ħtieġijiet spiritwali ta' l-ewwel Slimiżi. Bil-mod il-mod l-affarijiet bdew jiċċaqalqu sakemm kien permess li jsir il-Vjatku u jiġi amministrat is-Sagrament tal-Grizma tal-Morda. Aktar tard ingħatat il-fakulta' li t-trabi setgħu jitgħammdu fil-Knisja ta' Stella Maris, imma jkunu mniżżla fir-reġistru tal-





Kolleggjata Elenjana ta' Birkirkara. Kien nominat bħala Viċendarju, Dun Ġużepp Bezzina. Warajh laħaq Dun Karm Casha Gerada. Kien f'dak iż-żmien li nħasset il-ħtieġa wkoll li l-Knisja titkabbar.

Jekk il-jum tal-11 ta' Awwissu 1855 kien jum ta' ferħ għal missierijitna, bil-wisq aktar kienet il-ġurnata ta' Jum il-Milied ta' l-1878 meta l-Knisja ta' Stella Maris ġiet dikjarata bħala l-Parroċċa Ewlenija u Prinċipali ta' Tas-Sliema. L-istess Dun Karm Casha Gerada ntgħażel bħala Vigarju Kurat tal-Parroċċa l-ġdida. Huwa kien ġie ordnat saċerdot fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta, mill-E.T, Mons Annetto Casolani nhar id-19 ta' Diċembru 1857. Huwa kien baqa fil-kariga ta' Vigarju Kurat tal-parroċċa tagħna sa' l-1884 meta laħaq l-ewwel Kappillan, jiġifiri Dun Vinċenz Manche'. Dun Karm Casha Gerada, li sadanittant kien laħaq Kanonku tal-Kolleggjata ta' San pawl Nawfragu, miet ġewwa Tas-Sliema nhar l-20 t'April 1891. Snin qabel, fl-1869 Dun Karm kien marrad u għal xi żmien ma setgħax jaqdi d-doveri tiegħu, postu bħala Viċi-Parroku ħadu Dun Nerik Sarjan li kien ukoll imexxi skola hawn f'Tas-Sliema.



**Dun Ġużepp Bartolo li serva fil-Parroċċa fil-bidu tas-seklu 20**

Jum ieħor ta' ferħ għas-Slimiżi kien dak ta' nhar il-Milied 1891 dakinhar żagħżugħ imwieled Tas-Sliema sar l-ewwel qassis li ħareġ mill-Parroċċa ta' Stella Maris. Dan mhu ħadd għajr Dun Pawl Vella Mangion (aktar tard Monsinjur) li għal xi snin serva wkoll bħala Prokuratur ta' l-istess Knisja li fiha ħa l-ewwel formazzjoni spiritwali tiegħu. Fiż-żmien li kien Prokuratur sar ħafna xogħol fil-knisja fosthom il-bini tal-faċċata l-ġdida, kif ukoll izzanznu diversi opri sagri ġodda. Isem dan is-saċerdot jibqa' marbut għal dejjem flimkien ma ' dak ta' Mro. Ferdinando Camilleri permezz ta' l-Innu Immortali A MARIA VERGINE STELLA DEL MARE li kull partitarju Stella Marjan jistenna bil-ħerqa li jisma fil-Kunċert ta' Lejliet il-Festa mill-Banda Stella Maris.

Fost is-Sacerdoti li servew fil-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris sal-bidu tas-seklu Għoxrin insibu fost l-oħrajn lir-Rev. Dun Vinċenz La Rosa li xettel fil-Parroċċa tagħna d-devozzjoni lejn Marija Santissima Addolorata, tant li waqqaf il-Pija Unjoni u iżjed tard it-Terz' Ordni tas-Servi ta' Marija. La qegħdin insemmu t-Terz Ordni tad-Duluri, żgur li ma nistgħux iħallu barra lil Dun Ġużepp Fabri , li barra kien Prokuratur ta' l-istess Terz' Ordni, kien ukoll Viċi-Kappillan. Huwa kien ukoll mużicista tajjeb ħafna, fil-fatt l-Antifona *Stella Maris Es* hi attribwita lilu. Dun Gużepp kien ukoll il-moħħ wara l-isbaħ u l-aqwa opra ta' arti fil-knisja tagħna u li ta' kull sena nistennew naraw fit-toroq tal-purċissjoni, jiġifiri, L-Istatwa Titulari ta' Marija Kewkba tal-Baħar li nġiebet minn Pariġi fis-16 ta' Awwissu 1891.

Nistgħu ngħidu li l-ewwel ħamsa-u-tletin sena tas-seklu l-ieħor, qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija kienu mogħnija b'barkiet mis-Sema'. Numru sabiħ ta' żgħażagħ slimiżi wieġbu għas-sejħa li, għamililhom il-Mulej sabiex jaqtugħ permezz tas-saċerdozju u jservu fi ħdan il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris. Ewlieni fosthom nistgħu nsemmu lill-Arċisqof Ġorġ Caruana, iben denju tal-Parroċċa tagħna li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Knisja tagħna nhar l-1 ta' Novembru 1905.



**Dun Mikiel Balzan Prokuratur tal-knisja u l-ewwel Direttur Spiritwali tas-Soc. Fil. Stella Maris**



L-E.T. Mons Caruana ħadem ħafna fi ħdan il-korp diplomatiku tal-Knisja u filwaqt li huwa kein assenjat f'diversi pajjiżi fejn għamel isem tajjeb għalieħ u għal pajjiżu qatt ma nesa' li kien Malti u Slimiż Stella Marjan tant li fl-arma tiegħu bħala isqof nkluda l-arma tal-parroċċa fejn twieled u trabba. Fost is-saċerdoti l-oħra ta' dawn iż-żmienijiet insemmu per eżempju lil Dun Edmondo Tabone li għal żmien twil kien Prokuratur tal-Knisja. Dun Ġużepp Busietta li fl-1917 qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu u li wkoll serva għal ħafna snin bħala Vigarju Kurat tal-Parroċċa, kien ukoll konfessur imfittex ħafna u predikatur magħruf.



**Dun Pietru Pawl Grima, wieħed mill-aqwa poeti u kittieba tal-Malti**

Sena qabel, jiġifiri fl-1916 ġie ordnat saċerdot Dun Mikiel Balzan (aktar tard Monsinjur) li kien Prokuratur tal-Knisja meta l-Parroċċa ta' Stella Maris iċċelebrat għeluq il-Ħamsin Sena mit-twaqqif tagħha. Għal dik l-okkażjoni Dun Mikiel Balzan kien ħadem ħafna u stinka wkoll sabiex jiżżanżnu opri ġodda u armar ġdid għat-toroq. Dun Mikiel kien ukoll l-ewwel Direttur Spiritwali tas-Soċjeta Filarmonika Stella Maris li tagħha kien partitarju kbir. F'dan il-perjodu nsibu servi fi ħdan il-Parroċċa ta' Stella Maris wieħed mill-aqwa poeti u kittieba tal-Malti, ir-Rev. Dun Pietru Pawl Grima, li xi talbiet minn tiegħu, fuq wara ta' xi santi għadhom jinstabu sal-lum. Huwa miet qasir il-għomor fl-eta ta' 38 sena. Saċerdot ieħor, li qaddes l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-1924 kien Dun Karm Micallef, aktar tard huwa kien jifforma parti u ħadem ħafna fil-kumitat li kien responsabbli sabiex fl-1937 inġiebu s-sett ta' qniepen tassew melodjużi.

Fl-1934 ħadu l-quddiesa erba żgħażagħ Slimiżi, bl-ewlieni fosthom ikun Dun Ġużepp Inguanez, saċerdot li verament ħabb il-Knisja ta' Stella Maris u li tagħha kien aktar tard kappillan għall-23sena, li sal-lum, anke wara mewtu, għadu maħbub mis-Slimiżi li kienu jaraw f'dan il-Kappillan il-veru missier spiritwali tagħhom. Huwa kien strumentali biex il-Knisja ta' Stella Maris terga tqum mil-ħerba u tifrik tal-gwerra.



Fl-istess sena , iżda fis-7 t'Ottubru, wara li kien ġie ordnat saċerdot, qaddes l-ewwel Quddiesa Solenni s-Serv t'Alla Dun Nazzareno Camilleri S.D.B., saċerdot twajjeb li nisperaw li ma ndumux ma naraw mgħolli għall-ġieħ ta' l-artali.

Fis-sena 1937, laħaq saċerdot Dun Ġużeppi Lupi, li aktar tard kien maħtur Monsinjur, li bla dubju kien ta' ġieħ kbir għall-Knisja f'pajjiżna. Minn qed jikteb lill-Monsinjur Lupi jiftakru sew għax kien id-Direttur tagħna l-abbatini.

Ġiet umbagħad it-traġedja mondjali tat-Tieni Gwerra Dinjija. La qegħdin insemmu l-Gwerra, ma nistgħux ma nsemmux l-att erojku li wettaq Dun Amadeo Bonello.

Ġara, li meta l-bombi Germaniżi għamlu straġi mill-Knisja ta' Stella Maris, nhar il-Ħadd l-1 ta' Marzu 1942, Dun Amade', b'sogru kbir għal ħajtu u qalb it-tifrik, ħaseb sabiex jittrasporta lis-Santissmu Sagrament mit-tabernaklu għall-post iżjed ta' sigurta'.



**Dun Karm Micallef il-promotur tal-qniepen li nġiebu fl-1937**

Kien hu wkoll li beda d-drawwa sabieħa ta' l-adorazzjoni fil-Knisja ż-Zgħira. Ftit aktar minn sena wara din l-istragi li laqtet lil-knisja ta' Stella Maris, laħaq saċerdot Dun Ġużepp Borg li barra li kien predikatur tajjeb ħafna, kien



devot kbir tal-Madonna. Dun Ġużepp kien l-aħħar wieħed fil-lista ta' saċerdoti u lajċi li servew bħala Prokuratur tal-Knisja ta' Stella Maris. Fil-fatt minn żmien il-parrokat ta' Dun Gwido Calleja sal-lum, huwa l-istess kappillan li jagħmilha wkoll ta' Prokuratur.

Wara li ntemmet il-Gwerra, fil-bidu tas-snin Ħamsin, numru ieħor ta' żgħażagħ Slimiżi wieġbu għas-sejħa tal-vokazzjoni saċerdotali. Tnejn minnhom, jiġifieri Dun Pietru Pawl Scicluna u Rev. Dun Gwann Randon sellimnilhom fil-ħarġa tal-Programm tas-Sena li għaddiet.

Naturalment, kif kulħadd jaf, f'dawn l-aħħar snin il-vokazzjonijiet naqsu drastikament għalkemm il-Mulej Alla jibqa' jagħmel is-sejħa tiegħu u kif wieħed żgur li mhux ser iħalli waħedha lill-Knisja Tiegħu fuq l-art, li wara fuq kollox huwa stess waqqaf. Kif tennejt fil-bidu tal-kitba tiegħi dawn li semmejt kienu ftit biss mis-saċerdoti li tul is-snin ħadmu fi ħdan il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris. Magħhom iriedu jiżdiedu numru konsiderevoli ta' qassisin oħra naturalment flimkien ma' numru ta' Kappillana. Min jaf forsi xi darba tidher xi kitba fuq dawn ukoll.

Id-dmir tagħna nħoss li hu l-ewwelnett li nroddu ħajr lill-Alla ta' dawn li ħallewna u ta' dawk li sal-lum għoġbu jagħtina sabiex jaqduna fil-ħtieġijiet spiritwali tagħna. Huwa dmir tagħna wkoll li barra nirrispettawhom, aktar minn hekk nitolbu għalihom u ngħollu talbna lil Mulej Alla sabiex jibgħat dejjem ħaddiema fl-għalqa tiegħu.



## RIFERENZI :


Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – M. Busietta
Minn tagħrif fil-pusses ta' l-awtur


**Żgur li f'din is-Sena speċjali ddedikata lis-saċerdoti ma nistgħux ma nfakkrux żewġ anniversarji li ġew iċċelebrati fil-Parroċċa tagħna din is-sena. Il-Wisq Rev. Kappillan Fr. Joe Bartolo fakkar għeluq l-erbgħin Sena ta' L-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Filwaqt li r-Rev Dun Victor Soler iċċelebra għeluq is-Sittin Sena tiegħu bħala saċerdot fi ħdan il-Parroċċa ta' Stella Maris. Filwaqt li nroddulhom ħajr, nitolbu għalihom u nawgurawlhom**

**AD MULTOS ANNOS**